Greċja

# Kumpilazzjoni tax-xhieda (riformulazzjoni)

Greċja

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

## L-Artikolu 2(1) - Awtoritajiet li jistgħu jitqiesu bħala qrati

Fil-Greċja, il-qrati tal-prim'istanza (*Protodikeía*) huma kompetenti, skont il-ġuriżdizzjoni territorjali tagħhom, biex jikkumpilaw xhieda għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali. Ebda awtorità oħra ħlief il-qrati ma ġiet maħtura.

## L-Artikolu 3(2) - Qrati rikjesti

Il-qrati tal-prim'istanza maħtura skont l-Artikolu 2(1), fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' talbiet għal assistenza legali, għandhom ġuriżdizzjoni ġenerali biex jikkumpilaw xhieda f'kull materja ċivili u kummerċjali, abbażi tal-ġuriżdizzjoni territorjali tagħhom.

Ikklikkja fuq il-link ta' hawn taħt biex tara l-qrati kompetenti kollha, skont dan l-Artikolu, abbażi tal-ġuriżdizzjoni territorjali tagħhom (https://www.ministryofjustice.gr/wp-content/uploads/2021/10/Protodikeia.pdf).

## L-Artikolu 4 - Korp ċentrali

Il-korp ċentrali huwa l-Ministeru għall-Ġustizzja, id-Dipartiment tad-Dritt Internazzjonali Privat (indirizz: Leoforos Mesogeion 96, 11527 Athens). Kuntatt: Giorgios Kouvelas, tel. +30 213 130 7529, +213 130 7480, email: civilunit@justice.gov.gr, gkouvelas@justice.gov.gr, xpappa@justice.gov.gr).

## L-Artikolu 6 - Lingwi aċċettati biex jimtlew il-formoli

Il-lingwi aċċettati għall-mili tat-talba: Il-Grieg.

## L-Artikolu 7 - Mezzi aċċettati għat-trażmissjoni ta' talbiet u komunikazzjonijiet oħra

Il-mezzi tekniċi disponibbli għall-qrati msemmija fil-lista msemmija fl-Artikolu 3(2) għat-trażmissjoni tat-talbiet jistgħu jvarjaw minn qorti għal oħra u jistgħu jinbidlu maż-żmien.

Għaldaqstant huwa rakkomandat li ssir konsultazzjoni personali, permezz ta' korrispondenza elettronika bejn il-persuni kompetenti tal-qorti rikjedenti u tal-qorti rikjesta, assistiti mill-awtoritajiet ċentrali jekk ikun meħtieġ. Jistgħu jintużaw ukoll applikazzjonijiet kummerċjali (eż. Skype), bi ftehim minn qabel.

## L-Artikolu 19 - Korp ċentrali jew awtorità/awtoritajiet kompetenti responsabbli għal deċiżjonijiet dwar talbiet għal kumpilazzjoni ta’ xhieda diretta

Il-korp ċentrali jew l-awtorità (awtoritajiet) kompetenti responsabbli għal deċiżjonijiet dwar talbiet għal kumpilazzjoni diretta tax-xhieda: Il-Ministeru għall-Ġustizzja, id-Dipartiment tad-Dritt Internazzjonali Privat (indirizz: Leoforos Mesogeion 96, 11527 Athens). Kuntatt: Mairi Biza, tel. +30 2131307480, email: civilunit@justice.gov.gr).

## L-Artikolu 29 - Ftehimiet jew arranġamenti li għalihom l-Istati Membri huma partijiet u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet fl-Artikolu 29(2)

Dan ir-Regolament jieħu preċedenza fuq dispożizzjonijiet oħrajn li jinsabu fil-ftehimiet bilaterali li ġejjin li għalihom il-Greċja hija firmatarja:

- il-Konvenzjoni bejn il-Greċja u l-Ġermanja tal-11 ta’ Mejju 1938 dwar l-appoġġ legali reċiproku għall-kawżi taħt il-liġi ċivili u kummerċjali (il-Liġi ta’ Emerġenza 1432/1938 – Gazzetta tal-Gvern, Serje I, Nru 399/1938);

- il-Konvenzjoni bejn il-Greċja u l-Jugoslavja tat-18 ta’ Ġunju 1959 dwar ir-relazzjonijiet legali reċiproċi, ratifikata bid-Digriet Leġiżlattiv 4009/1959 (Gazzetta tal-Gvern, Serje I, Nru 238, 5.11.1959);

- il-Konvenzjoni bejn ir-Renju tal-Greċja u r-Repubblika tal-Awstrija dwar l-assistenza legali reċiproka fil-qasam tal-liġi ċivili u kummerċjali, iffirmata f’Ateni fis-6 ta’ Diċembru 1965 (id-Digriet Leġiżlattiv 137/1969 – Gazzetta tal-Gvern, Serje I, Nru 45/1969);

- il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u r-Repubblika Ellenika dwar l-assistenza legali f’materji ċivili u kriminali, iffirmata f’Bucharest fid-19 ta’ Ottubru 1972 (id-Digriet Leġiżlattiv 429/1974 – Gazzetta tal-Gvern, Serje I, Nru 178/1974);

- il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u r-Repubblika Ellenika dwar l-assistenza legali f’materji ċivili u kriminali, iffirmata f’Ateni fl-10 ta’ April 1976 (il-Liġi 841/1978 – Gazzetta tal-Gvern, Serje I, Nru 228/1978);

- il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Popolari tal-Ungerija u r-Repubblika Ellenika dwar l-assistenza ġudizzjarja f’materji ċivili u kriminali, iffirmata f’Budapest fit-8 ta’ Ottubru 1979 (il-Liġi 1149/1981 – Gazzetta tal-Gvern, Serje I, Nru 117/1981);

- il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Popolari Pollakka u r-Repubblika Ellenika dwar l-assistenza legali f’materji ċivili u kriminali, iffirmata f’Ateni fl-24 ta’ Ottubru 1979 (il-Liġi 1184/1981 – Gazzetta tal-Gvern, Serje I, Nru 198/1981);

- il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja dwar l-assistenza legali f’materji ċivili u kriminali, iffirmata f’Ateni fit-22 ta’ Ottubru 1980 u li għadha fis-seħħ bħala bejn ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u l-Greċja (il-Liġi 1323/1983 – Gazzetta tal-Gvern, Serje I, Nru 8/1983);

- il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika ta’ Ċipru u r-Repubblika Ellenika dwar il-kooperazzjoni legali f’materji ta’ liġi ċivili, kummerċjali u kriminali u tal-familja, iffirmata f’Nikosija fil-5 ta’ Marzu 1984 (il-Liġi 1548/1985 – Gazzetta tal-Gvern, Serje I, Nru 95/1985).

## L-Artikolu 31(4) - Notifika dwar l-użu bikri tas-sistema tal-IT deċentralizzata

Il-Greċja ma għandhiex l-intenzjoni li tħaddem is-sistema deċentralizzata fi stadju aktar bikri minn dak meħtieġ minn dan ir-Regolament.

> L-aħħar aġġornament: 08/03/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.